**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 10/20**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2020 |
| **Ħin:** | 5.40pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-6.00pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera (Skużata)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-6:17pm)

**AĠENDA**

**10.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**10.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**10.03 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**10.04 Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**10.05 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**10.06 Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**10.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**10.08 Mozzjonijiet; u**
**10.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Segretarju Eżekuttiv — Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni quddiem il-Kunsill, it-termini u kundizzjonijiet inkluż it-tariffi sabiex il-pagamenti jkunu jsitgħu isiru permezz tas-*Sepa Batch Payments*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera.

Segretarju Eżekuttiv — Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni quddiem il-Kunsill, sabiex il-bilanċ ta' leave għas-sena 2020, li jammonta għall-150 siegħa, jiżdied mal-bilanċ tas-sena 2021. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**10. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Baldacchino ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 1. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Fenech ma setatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 09/20 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 10. 2. 1 | | Fenech: Aċċessibilta' u Mobilita' | Fenech ipproponiet li għall-iskema SPI/SCI/5/2020 il-Kunsill għandu japplika għall-xiri ta' van elettroniku. Għal dan ser tinġieb stima. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Fenech |
| 10. 2. 2 | | Sindku: Bdil ta' pavimentar fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku proponiet li ssir applikazzjoni għall-bdil tal-pavimentar li jinsab fi Ġnien l-Għannejja Żwieten minħabba li mhux aċċessibli minħabba l-istat li qiegħed fih. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2. | 3 | 09.04.04 | Caruana Ray: Bankina fi triq Vendome | Caruana talab li ssir korrezzjoni sabiex it-talba kienet li ssir speed hump u mhux biċċa bankina. | Caruana Ray |
| 10. | 2. | 4 | | Viċi-Sindku: *Zebra Crossing* | Il-Viċi-Sindku qalet li din iz-zebra crossing għada ma saritx. Is-Segreatrju Eżekuttiv infurmaha li din għaddiet f'idejn TM sabiex issir minn naħa tagħhom. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2. | 5 | | Viċi-Sindku: Mera fi Triq Santa Katarina | Għandha issir mera f'din it-triq li għaliha ser iħallsu r-residenti. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **10.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 2 | 6 | 09.02.11 | Caruana Ray: *Crash barrier* fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Caruana staqsa fiex waslet it-talba għall-*crash barriers* f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li intbagħtet korrispondenza lill-Kunsill ta' Ħaż Żabbar peress li nofs it-triq hija tagħhom, pero għadna bla tweġiba. Ġie deċiż li t-talba għandha issir lill-Infrastructure Malta minn naħa tal-Kunsill tagħna. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2 | 7 | 09.02.17 | Sindku: *Slow streets* u European Mobility Week | Is-Sindku qalet li għalkemm din is-sena l-attivitajiet kienu ridoti, xorta waħda kienet suċċess. Ġibdet l-attenzjoni għall-ammont ferm għoli li ser inħallsu għas-servizz tal-pulizija. Dan l-ammont, li huwa ta' aktar minn 25% tal-ispiża, jista' jintefaq fuq attivita' oħra relatata mal-iskop li saret għalih. Qalet ukoll li tkellmet mas-Sur Mario Fava dwar dan biex jitkellimha. | Sindku |
| 10. | 2 | 8 | 09.02.18 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li sabiex jinstab kuntrattur ġdid hemm ħafna proċeduri li peress li l-proġett iffinanzjat minn fondi ewropej. In-nies huma urtati u issa ser ikbru l-problemi meta jibda l-maltemp. Ser tintbgħat korrispondenza lill-Ministru Farrugia kif ukoll is-CEO tal-*Water Services Corporation* għax il-Kunsill ma baqalux iktar x'jgħid lir-residenti. | Sindku |
| 10. | 2 | 9 | 09.03.02 | Sindku: Tender ħitan tas-sejjiegħ | Is-Sindku qalet li għat-tieni darba dan it-tender sibna l-problemi u qalet ser ikollna nitolbu estenzjoni sabiex tinstab soluzzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2 | 10 | 09.03.03 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li c-*civil works* issa huwa lest. It-tender ġie mirbuħ minn Projekte Ltd u diġa tkellimna mal-kuntrattur sabiex naraw x'nixtiequ. Il-bandla li konna ngħatajna mir-Reġjun Xlokk għall-Persuni b'Diżabilita' ser titpoġġa hawn ukoll. Il-kuntrattur ħaffer it-trinek għad-dawl u ser jiġi rranġat t-taraġ tal-entratura. Ser isir ukoll it-turf artifiċjali u *soft flooring*. | Sindku |
| 10. | 2 | 11 | 09.03.05 | Viċi-Sindku: Laqgħa mal-Ispettur | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex wasalna fir-rapporti li saru dwar karozzi abbandunati u problemi oħra. Is-Sindku qalet li diġa saret il-laqgħa mal-ispettur dwar dawn il-problemi u qed nistennew li tittieħed l-azzjoni min-naħa tal-pulizija. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 12 | 09.03.06 | Sindku: *Fundraising* bejn l-Għaqdiet | Is-Sindku talbet sabiex tintbagħat ittra lill-Għaqdiet sabiex kull għaqda tagħmel ġabra mingħand il-membri tagħha kif ukoll il-pubbliku. Wara tinstab ġurnata maqbula u s-somma kollha miġbura minn fost l-għaqdiet kollha tiġi preżentata lill-*Malta Community Chest Fund.* Dan fid-dawl tal-appelli li qed issir kemm mill-President kif ukoll mis-sinjura Vella biex il-poplu jikkontribbwixi. | Sindku |
| 10. | 2 | 13 | 09.03.07 | Sindku: *Smart Technology Bench* | Is-Sindku qalet li tkellmet mas-Sinjura Agius, fejn ġie kkunsidrat wara diversi fatturi, li l-smart bench jitwaħħal fi Ġnien iż-Żgħożija peress li iktar immirat għaż-żgħażagħ u iktar jista' jsir użu minnhom. | Sindku |
| 10. | 2 | 14 | 09.03.08 | Sindku: Premju Soċjeta' Ġusta' u Anzjanita' Attiva | Is-Sindku qalet li ż-żewġ applikazzjonijiet ġew sottometti. | Sindku / Camilleri |
| 10. | 2 | 15 | 09.06.01 | Chircop: *European Mobility Week* | Chircop qal li għal mixjiet li saru waqt il-European Mobility Week, kien hemm attendenza tajba. | Chircop |
| 10. | 2 | 16 | 09.06.04 | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li illum saret l-inawgurazzjoni fejn komplejna nippromwovu l-għasir taż-żebbuġ. Irringrazzjat lill-Onor. Refalo u l-Onorevoli Herrera fejn ġew imdawwra mal-binja tal-Kunsill. Kellhom żjara wkoll għand is-Sur Carmel Desira fil-masġar li għandu fi Triq tal-Barrani. Ma laħqux imorru fil-*Hydroponic Far.* Il-Viċi-Sindku żiedet li ser isiru seminars minn Dr David Mifsud u s-Sur Mario Salerno flimkien mal-istudenti tal-Universita'. Ser isir ukoll webinar informattiv kif ukoll pubblikazzjoni li ser titqassam fl-iskejjel, kif ukoll kompetizzjoni tat-tisjir. | Sindku / Viċi-Sindku |
| 10. | 2 | 17 | 09.07.01 | Sindku: Sejħa għall-ġardinara | Is-Sindku qalet li kien hemm applikazzjoni waħda u ser isir l-*interview* ma' dan il-ġardinar. | Sindku |
| 10. | 2 | 18 | 09.09.01 | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li t-trinek saru u ingħatat ix-xibka. Dwar il-bankina għadha ma ttiħditx deċizjoni jekk ssirx minħabba li tista' ssir ħafna ħsara l-għeruq tas-siġar peress li dawn qegħdin fil-wiċċ, kif ukoll minħabba raġuni ta' sigurta' | Sindku |

**10 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 1 | | Sindku; Speed hump fi Triq Santa Katarina | Is-Sindku qalet li TM issuġerit li l-*speed hump* għandha titbaxxa u titwal għall-erbgħa metri biex jitnaqqas l-istorbju. L-ispiża għall-din ser titla mat-€3,000. | Sindku |
| 10 | 3 | 2 | | Sindku: Triq Bandolier | Intalbet li din għandha tiġi *pedestrian.* Il-Kunsill qabel unanimament. | Sindku |
| 10 | 3 | 3 | | Sindku: Preżentazzjoni lill-Fondazzjoni Marigold mir-Reġjun Xlokk | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mas-Sinjura Michelle Muscat fejn il-President tar-Reġjun Xlokk, s-Sur Paul Farrugia ppreżenta ċekk ta' €800 lill-Fondazzjoni Marigold fl-okkażjoni tal-Pink October. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 4 | | | Sindku: *Hand Sanitiser* | Is-Sindku qalet li r-Reġjun Xlokk tagħna *Hand Sanitiser Dispenser* li dan għadu jrid jinġieb. | Sindku |
| 10 | 3 | 5 | | | Sindku: Triq l-Isqof Emm. Galea | Ġiet imressqa proposta li parti minn din it-triq għandha ssir inżul biss peress li żdiedu r-residenti wara l-iżvilupp tal-binja tant li qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat tat-triq tant li saret diffiċli li jgħaddu żewġ vetturi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku |
| 10 | 3 | 6 | | 10 | Sindku: Tilqima tal-influwenza | Is-Sindku qalet li din is-sena kienet f'idejn il-Primary Health Care. Fl-ewwel jum kien hemm strajk mill-MUMN u ma kien hemm ħadd biex jagħti t-tilqima. Sar komunikat mas-Sa Rosanne Camilleri u l-għada ntbagħtet infermiera wara nofsinhar wara li ġie rtirat l-istrajk. | Fenech |
| 10 | 3 | 7 | | | Sindku: Triq San Duminku | Kien hemm talba mir-residenti ta' din it-triq sabiex issir *speed hump* permezz ta' petizzjoni miġbura. Din ser tgħaddi għand TM għall-approvazzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 8 | | 24 | PA06228/20 | Dwar dan il-permess kien hemm diskussjoni u kien hemm qbil li dan ser joħloq problema ta' parkeġġ, traffiku u storbju. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 9 | | | Sindku: Ħsara fis-sistema tal-irrigazzjoni | Is-Sindku qalet li saret ħsara mill-ħaddiema tal-kuntrattur fi Ġnien il-Kmandant fil-pajpijiet tal-irrigazzjoni waqt li kien qed jintuża l-mutur tal-ħriet. Diġa tkellmet mal-kuntrattur sabiex tissewwa l-ħsara minn naħa tiegħu. | Sindku |
| 10 | 3 | 10 | | | Sindku: *Olive Twist* | Is-Sindku qalet li sibna oġġezzjoni dwar dan il-proġett mis-*Superintendence of Cultural Heritage.* Għalhekk bħalissa għaddejja ħidma sabiex jinstab post alternativ għal dan il-monument. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 11 | | 08 | LCA | Is-Sindku qalet li aħna tajna l-assistenza billi nżebgħu sinjali sabiex il-ġenituri josservaw d-distanza u l-iskejjel irringrazzjaw għal dan ix-xogħol. | Sindku |
| **10.** | **4.** | | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 4 | 1 | | | Chircop: Bye-law dwar l-għalf tal-ħamiem | Chircop staqsa fiex wasal il-proċess. Din intbagħtet pero għadna mingħajr risposta. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 4 | 2 | | | Caruana Roderick: Ħofor għall-arbli fi Triq Ġibja Rumana | Caruana qal li ġie avviċinat minn resident li ser jieħu l-inkarigu li jżejjen din it-triq għall-festa. Talab li jsiru erbgħa ħofriet għall-arbli. Is-Sindku talbet li din it-talba għandha ssir bil-miktub fejn jispjega eżatt x'qed jitlob. | Sindku |
| 10. | 4 | 3 | | | Caruana Roderick: Riklamar fit-toroq | Caruana staqsa għalfejn inqalgħu r-reklamar fit-toroq. Is-Sindku wieġbet li sar eżerċizzju minn TM fejn ġew imnaddfa tabelli li kienu mwaħħla mingħajr l-approvazzjoni tagħhom. | |
| 10. | 4 | 4 | | | Chircop: Sqaqin magħluqa | Chircop staqsa dwar individwi li qed jagħlqu partijiet minn sqaqin bix-xtiebi u qed isir abbużż billi jimtlew bl-imbarazz. | Chircop |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 4 5 | | Caruana Raymond: Ħitan fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Caruana qal li hemm xi partijiet mil-ħitan li waqgħu. Serninfurmaw b'dan lill-Infrastructure Malta. | |
| 10. 4 6 | | Caruana Raymond: Abbużż bil-borża s-sewda | Caruana ġibed l-attenzjoni li l-borża s-sewda qed tinħareġ bl-addoċċ. Is-Sindku qalet li kellna laqgħa mal-LESA u ġie deċiż li jitwaħħlu CCTVs u huma jkunu jistgħu jimmaniġjaw il-filmati u jinħarġu l-multi fejn meħtieġ. | Sindku |
| 10. 4 7 | | Viċi-Sindku: Lampa maqtugħa | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li hemm fanal tat-triq fejn il-LIDL li huwa maqtugħ. Ser isir rapport lill-Enemalta biex dan jinbidel. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 4 8 | | Viċi-Sindku: Knis | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-knis f'Bir id-Deheb u l-bżonn ta' qtugħ ta' siġar fi Triq il-Labour peress li qed jostakola l-bankina. Ser nitkellmu mal-kuntratturi dwar dan. | Sindku |
| **10. 5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. 5 1 | | Chircop: *Mobile Application* | Chircop qal li l-*Mobile Application* hija lesta u l-*launch* ser isir lejn l-aħħar t'Ottubru. | Chircop |
| 10. 5 2 | | Segretarju Eżekuttiv: Ħinijiet tal-uffiċini | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li wara diskussjoni mal-ħaddiema, ġie maqbul li l-ħinijiet għandhom ikunu bejn is-7.00am u t-3.00pm matul is-sena kollha. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 5 3 | | Viċi-Sindku: Rapport Finanzjarju tal-Manuċċa | Il-Viċi-Sindku preżentat ir-rapport finanzjarju tal-*Manuċċa Child Day Care Centre.* Tat rendikont tad-dħul u ħruġ kollu fejn kien hemm surplus ta' €20,000 u tħallset taxxa ta' €7,000. | Viċi-Sindku |
| **10. 6.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. 6. 1 | | Camilleri: *Life Long Learning* | Camilleri qalet li dawn il-korsijiet ser jibdew mill-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru bejn il-5.00pm u t-8.00pm. Ser isiru tal-Ingliż biss. | Camilleri |
| 10. 6. 2 | | Camilleri: Ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija | Camilleri qalet li l-ħinijiet ser ikunu kif ġejjien:<br><br>L-Erbgħa: Mit-3.00pm sas-7.00pm<br>Il-Ħamis: Mit-3.00pm sal.5.00pm<br>Il-Ġimgħa: Mit-3.00pm sal.5.00pm<br>Is-Sibt: Mit-8.00am sal-10.00am | Camilleri |
| 10. 6. 3 | | Viċi-Sindku: *Kids Club* | Il-Viċi-Sindku qalet li qed isiru klassijiet online għat-tfal kif ukoll l-istudenti jistgħu jagħmlu xogħol volontarju biex jagħlqu l-proġetti tagħhom tas-*Systems of Knowlegde.* | Viċi-Sindku |
| 10. 6. 4 | | Caruana Roderick | Caruana qal li ser isiru sessions għat-tfal minn Recycling Malta sabiex jiġi promoss l-użu ta' prodotti diġa użati. | Caruana Roderick |
| 10. 6. 5 | | Viċi-Sindku: Korsijiet | Il-Viċi-Sindku qalet li ser isiru l-korsijiet tal-krafts fiċ-Ċentru tal-Arti u Artiġjanat. Bi pjaċir residenta minn Dar Nazzareth ser tkun waħda mill-istudenti. | Viċi-Sindku |
| **10. 7.** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;*** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10. 7. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 7. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 7. 3 | | *Petty Cash* - Settembru 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €130.73 | Segretarju Eżekuttiv |

**10 8** **Mozzjonijiet; u**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 8 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa f'din is-seduta | |

**10 9** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8.20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv